MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCIBERRAS PHILIP LL.D.

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 105/1993/1

**Dr. Simon Micallef Stafrace bhala rapprezentant tas-socjeta` Formosa & Camilleri Ltd. u din bhala agenti Malta tas-socjeta` assikurattrici estera Guardian Royal Exchange plc surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Muscats Motors Limited**
**-vs-**
**Adrian Mifsud u Neville Mifsud bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` S. Mifsud & Sons Limited agenti Malta tas-socjeta` estera Ignazio Messina & C. S.p.A. armaturi/ proprjetarji tal-vapur Jolly Arancione u in rapprezentanza ta' l-istess; u Godwin Abela u Alfred E. Aquilina bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi s-socjeta` Muscats Motors Limited importat gewwa Malta fuq il-vapur “Jolly Arancione” hdax-il karozza tal-marka Alfa Romeo liema servizz gie organizzat mis-socjeta` S. Mifsud & Sons Limited (Dok. A u B);

Premess illi wara li waslet din il-merkanzija f’Malta fl-1 ta’ Frar 1992 u nhattet minn fuq il-vapur imsemmi f’idejn is-socjeta` The Cargo Handling Company Limited, din giet ikkonsenjata lill-importatur b’danni u nuqqasijiet elenkati fid-dokument C;

Premess illi ai termini tal-polza ta’ assigurazzjoni bejn l-attur *nomine* u l-assigurat tieghu hu kellu jindenizza lill-assigurat tieghu tal-hsarat u danni li gew lilu kawzati u b’hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet ta’ l-istess assigurat, kif jirrizulta mid-dokument anness mac-citazzjoni Dok. D;

Premess illi l-attur *nomine* jikkwantifika il-hsara u nuqqasijiet riportati fil-merkanzija ta’ l-assigurat tieghu fl-ammont ta’ sitt mija u disgha u hamsin lira u ghaxar centezmi (Lm659.10,0) inkluz f’din il-figura l-ammont ta’ erbgha u erbghin lira (Lm44) imhallsa bhala <u>survey fees</u>;

Premess illi l-konvenuti *nomine* jew min minnhom huma responsabbli ghal dawn id-danni u nuqqasijiet;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti *nomine* jew min minnhom responsabbli ghall-hsarat kagjonati fil-merkanzija ta’ l-assigurat ta’ l-attur *nomine*;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-assigurat ta’ l-attur *nomine* li ghalihom ghamel tajjeb l-istess attur fis-somma ta’ Lm659.10,0;

3. Tikkundanna lill-konvenut *nomine* jew min minnhom ihallsu lill-attur *nomine* is-somma ta’ Lm659.10,0 bhala

danni sofferti mill-attur *nomine* li ghalihom huma responsabbli il-konvenuti *nomine* jew min minnhom;

- Kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tal-pagament indikat fis-surroga fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi, kontra l-konvenuti *nomine;*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine*, l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Adrian Mifsud *et nomine* illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi in kwantu id-domandi attrici huma diretti kontra s-socjeta` eccipjenti dawn ghandhom jigi rigettati bl-ispejjez stante li huma ma humiex responsabbli ghall-allegati danni billi l-istess merkanzija tnizzlet minn abbord f'kondizzjoni tajba skond kif jirrizulta mit-tally sheets;

2. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut *et nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela *nomine* illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li s-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd., ikkonsenjat il-vetturi in kwistjoni lill-*consegnee or his authorised agent* minghajr rimarki kif jidher ampjament car mill-Gate Pass Out numru 169549;

2. Illi fit-tieni lok ghandha tigi ppruvata l-allegata surroga;

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandu jigi ppruvat kif, meta u minn min sar l-allegat hlas ta’ l-allegati danni;

4. Illi fir-raba’ lok u bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma esagerati;

5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghall-premess l-interess jiddekorru mid-data tac-citazzjoni stante si tratta dwar kawza ta’ danni (Sentenza ta’ l-Appell Sede Kummercjali – deciza fis-6 ta’ April 1992 – Citaz Nru. 112/86);

6. Illi fis-sitt lok u bla pregudizzju ghall-premess is-*survey fees* allegati ma jistghux jigu riklamati stante m’humiex danni ta’ l-assigurat (Sentenza ta’ l-Appell Sede Kummercjali deciza fis-6 ta’ April 1992 – Citaz Nru 112/86);

7. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut Godwin Abela *nomine*, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat ukoll in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Godwin Abela *nomine* li fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gja sollevati, il-konvenut Godwin Abela *nomine* mhux risponsabbli ghall-allegati danni/nuqqas u dan ai termini ta’ l-Artikolu 70 tal-Port Regulations 1996 (Amended by Legal Notice 28/73) peress li tali merkanzija hija meqjusa bhala “units” u tinghata biss ricevuta bhala tali “units”;

2. Illi ai termini ta’ l-Artikolu 6(3)(a)(v) tal-Port Ordinance 1962, la darba tali merkanzija kienet meqjusa bhala units dan l-artikolu jezemi ovvjament lis-socjeta` konvenuta minn kull responsabilita;

3. Illi wkoll a bazi ta’ l-Artikolu 90 u Schedule 13 tal-Port Regulations, 1966, l-importatur jaf li tali merkanzija tinhazen “*in the open and always at the sole risk of the owner*” u ghalhekk anke f’dan il-kaz is-socjeta` konvenuta mhux responsabbli;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat in-nota ta’ l-osservazzjonijiet ipprezentati mill-abbli difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Din hi kawza ta' reklamar ghal danni f'merkanzija importata f'Malta permezz tat-trasport bil-bahar. Kif inhu konswet, kazijiet ta' din ix-xorta jinvolvu essenzjalment tliet partijiet: (I) l-importatur jew ricevetur (II) il-vettural jew trasportatur u (III) l-kuntrattur portwali. Jinvolvu wkoll l-esebizzjoni u l-ezami ta' dokumenti partikolari, il-portata guridika taghhom, u l-effett taghhom ghal fattispecje singolari f'kull kaz. L-azzjoni hawn ezaminata hi bazikament wahda minn dawn. Jista' forsi jizdied, u dan mill-esperjenza li l-gudikant sedenti kellu fil-kors tal-professjoni bhala Avukat, illi l-kontestazzjoni bejn il-partijiet involuti testendi, tista' tghid fil-maggjor parti tal-kazijiet, fuq l-elementi kollha ta' l-operazzjoni, jigifieri, il-merkanzija, it-taghbija jew il-hatt taghha, id-depozitu taghha, u l-konsenja;

L-azzjoni hi diretta kontra l-agenti lokali tal-vapur "Jolly Arancione" ossija s-socjeta` S. Mifsud & Sons Limited u l-Cargo Handling Company Limited bhala kuntrattur portwali. Jehtieg ghalhekk li tigi ezaminata sa fejn kienet testendi, fil-kaz prezenti, ir-responsabilita` ta' wiehed jew ta' l-iehor kwantu ghal konsenja ta' numru ta' vetturi tal-marka "Alfa Romeo" lid-destinatarju (Muscats Motors Limited) trasportati in forza ta' zewg poloz tal-kariku esebiti a fol. 6 u 7 tal-process. Huwa indiskuss illi l-vapur

assuma l-obbligu tat-taghbija, l-garr u l-iskarikazzjoni tal-merce sa' l-istadju li din ghaddiet taht il-kustodja tal-kuntrattur tal-port. Huwa daqstant iehor indiskuss illi meta l-merce, affidata lilu mill-vapur, kienet fil-pussess tal-kuntrattur portwali dan kien id-depozitarju taghha sa' l-istadju ta' l-irtirar taghha mill-konsenjatarju;

Iz-zewg konvenuti qed jikkuntrastaw it-talba ta' l-attur *nomine* fuq l-attendibilita` ta' zewg dokumenti bazici: it-"Tally Sheet" skond il-vapur u l-"Gate Pass Out", skond il-kuntrattur tal-port.

Fuq il-valur probatorju ta' dawn id-dokumenti, il-kazistika taghna ta' dawn l-ahhar snin hi abbondanti, kif ahjar ezemplifikat fl-estratti minn dawn is-sentenzi:-

I - "Dawn iz-zewg dokumenti ghandhom jitqiesu bhala decizivi u li jorbtu l-partijiet kollha fil-kawza, li ghandhom l-opportunita`, f'waqtha, '*a tempo vergine*', li jikkontrollaw u jipprecizaw ir-registrazzjoni ta' l-istat ta' fatt" - "**Michael Gatt *noe* -vs- L-Avukat Philip Sciberras *noe***" Appell Kummercjali, 20 ta' April 1995; "**David Curmi *noe* -vs- Carmelo Mallia *et noe et***", Appell Kummercjali, 6 ta' Gunju 1995;

II - "Dawn id-dokumenti kienu jikkostitwixxu prova li joholqu presunzjoni '*juris tantum*' tal-korrettezza tal-kontenut taghhom ... sakemm ma jkunx hemm provi ohra serji u precizi li jindikaw il-kuntrarju" - "**Dr. Simon Micallef Stafrace *noe* -vs- John E. Sullivan *et noe***", Appell, Sede Inferjuri, 16 ta' Dicembru 1993; "**Noel Ellul *noe* -vs- James Gollcher *et noe et***" Appell, 12 ta' April 1999;

III - "Jibqa' l-fatt pero` li meta c-cirkostanzi jkunu tali li l-Qorti tkun konvinta li ma kienux jirriflettu r-realta ghax ikunu zmentiti minn provi ohra fil-process il-Qorti ghandha tiskartahom" - "**Avv. Dottor Giovanni Griscti *noe* -vs- John Cooper *et noe et***", Appell, 19 ta' Mejju 2000; "**Avv. Dottor Robert Staines *noe* -vs- Commendatore Silvio Mifsud *et noe et***", Appell, 19 ta' Mejju 2000;

Mill-provi prodotti f'dan il-kaz jirrizulta li meta l-vetturi gew skarikati minn fuq il-vapur sar "joint tally". Fuq dan id-dokument (fol. 58) hemm annotat li tlieta minnhom nizlu "without badges". Dan hu konfermat mit-tally clerk tal-Cargo Handling, Emanuel Mallia. Ara xhieda tieghu a fol. 69. Mark Mifsud, delivery clerk mas-socjeta` konvenuta Cargo Handling, jikkonferma fid-deposizzjoni tieghu a fol. 59 illi l-Gate Pass Out harget 'clean' u bla rimarki. Effettivamnet lanqas is-semplici nuqqas fit-Tally Sheet ma tnizzel fuq dan id-dokument;

Dwar il-provi mressqa mill-attur *nomine* gie spjegat mix-xhud Sandro Bugeja (fol. 31) shipping clerk mas-socjeta` Muscats Motors Limited, illi lill-ufficcjal tal-Cargo Handling kien gibidlu l-attenzjoni ghal hsarat/nuqqasijiet riskontrati fil-vetturi mix-xhud Joseph Catania (fol. 34) li ccekkjahom. Zied jghid: "pero` ahna biex nirtiraw il-vetturi jkollna bilfors naccettaw li niffirmaw il-Gate Pass Out kif ikunu jridu l-ufficcjali tal-Cargo Handling, u allura dana allavolja ma tnizzlux rimarki fuq il-Gate Pass Out, biex ma nhallux il-karozzi hemmhekk, iffirmajna wkoll.";

Din is-sitwazzjoni hi wahda rikorrenti f'kazijiet konsimili kif gja gie bosta drabi ravvizat mill-Qrati taghna. L-osservazzjoni predominanti kienet li l-Gate Pass Out "ma seta' jkollu l-ebda valur ghaliex hu ben stabbilit illi ma setax ikun kredibbli meta ddikjara li l-merkanzija kienet qed tigi rilaxxjata lill-importatur assigurat mas-socjeta` attrici f'kondizzjoni nadifa u tajba meta *survey* li sar minn socjeta` indipendenti - kif hekk sehh ukoll f'dan il-kaz. Ara xhieda ta' Noel Ellul a fol. 43 - fi zmien meta l-merkanzija kienet kustodita` f'idejn il-konvenut *nomine* (Cargo Handling) kien diga` juri bic-car li kien hemm in-nuqqasijiet u danni reklamati f'din l-azzjoni" - "**Leslie Causon *noe* -vs- Godwin Abela *noe***", Appell, 6 ta' Ottubru 2000;

Dan is-*survey* u accertamenti li saru minn Joseph Catania, li ccekkja l-vetturi, huma prova bizzejjed biex iwaqqghu l-presunzjoni mahluqa mill-Gate Pass Out ("**Leslie Causon *noe* -vs- The Cargo Handling**

**Company Limited**" Appell, 19 ta' Mejju 2000) u fil-verita` ddghajjef l-attendibilita` u kredibilita` ta' dan id-dokument, hekk ivvizzjat, gjaladarba ma jirriflettix il-verita` fir-rigward tal-kundizzjoni tal-vetturi meta dawn ikunu gew minnha rilaxxjati f'idejn l-importatur ("**Dr. Simon Micallef Stafrace *noe* -vs- Godwin Abela *et noe et***", Appell, 6 ta' Ottubru 2000);

Evalwati l-provi fil-kaz in ezami u hekk rikorrenti f'bosta kazijiet ohra, kif fuq muri, din il-Qorti thoss li s-socjeta` attrici gabet provi sodisfacenti biex tistabilixxi illi d-danni jew nuqqasijiet sehhew meta l-vetturi kienu fil-pussess tas-socjeta` Cargo Handling u li inoltre l-Gate Pass Out kif redatt ma kienx jirrispekkja l-verita` u nhareg f'cirkostanzi "fejn is-socjeta` importatrici kienet kostretta li tikkollabora l-falsita` tieghu biex tassigura r-rilaxx tal-vetturi". Fl-istess sens id-decizjoni fl-ismijiet "**Dr. Simon Micallef Stafrace *noe* -vs- John C. Cooper *et noe***", Appell, 25 ta' Gunju 2000;

Is-socjeta` konvenuta Cargo Handling, oltre l-linja difensjonali li ma kinitx responsabbli ghad-danni/nuqqasijiet issollevat ukoll dawn l-eccezzjonijiet sussidjarji (fol. 18) jew ulterjuri (fol. 40):

a) Li hi ma kinitx fi htija ai termini ta' l-Artikolu 70 tal-Port Regulations u ai termini ta' l-Artikolu 6(3)(a)(v) tal-Port Ordinance 1962 hi kienet mehlusa minn kull responsabilita` gjaladarba l-merkanzija kienet meqjusa bhala "units";

b) Li wkoll mhix responsabbli billi a tenur ta' l-Artikolu 90 u Schedule 13 tal-Port Regulations 1966 il-merkanzija tinhazen "in the open and always at the sole risk of the owner";

c) Li s-*survey fees* ma jistghux jigu reklamati;

d) Li in kwantu ghad-danni t-talbiet attrici huma esagerati;

e) Li l-interessi jiddekorru mid-data tac-citazzjoni stante li si tratta minn kawza ta' danni;

Bl-ghajnuna ta' gurisprudenza ormai ben stabbilita u saldata, il-Qorti ser tirrispondi ghal dawn l-eccezzjonijiet skond l-ordni fuq riportata:-

1) L-artikoli tal-Port Regulations invokati "ma jezemuhiex mir-responsabilita` taghha ghaliex il-fatt li l-merkanzija hija meqjusa bhala units ma jfissirx li s-socjeta` konvenuta tista' impunement tikkonsenja vetturi zarmati mill-accessorji taghhom meta jirrizulta li hija tkun ircevithom bl-accessorji soliti taghhom" - "**Dr. Simon Micallef Stafrace *noe* -vs- Neville Mifsud *et noe et***", Qorti Kummerc, 12 ta' Ottubru 1995, "**Formosa & Camilleri Ltd *noe* -vs- Sea Malta Company Limited *et***", Appell, 6 ta' Ottubru 2000;

2) Il-pretensjoni taht dawn ir-regolamenti (Artikolu 90 u Skeda 13 tal-Port Regulations, 1966) fir-rigward ta' merkanzija mahzuna fil-berah "at sole risk of owner" giet ridimensjonata u definita bhala mhux applikabbli ghal kazijiet in ezami ("**Leslie Causon *noe* -vs- Godwin Abela *noe***", Appell, 6 ta' Ottubru 2000). Bhala depozitarja din is-socjeta`, qua kuntrattur portwali, kellha l-obbligu li fil-kustodja tal-kariku taht depozitu tiehu hsieb daqs kemm tiehu fil-kustodja ta' hwejjigha (Artikolu 1899, Kodici Civili). Ragonevolment ghalhekk kien mistenni li thares l-istess kariku minn kull hsara li jista' jigrilu;

3) Huwa formalizmu esagerat li jigu esklusi s-*survey fees* meta dawn effettivament huma spiza necessarja u accessorja nkorsa biex jigu stabbiliti d-danni ("**Noel Ellul *noe* -vs- Godwin Abela *noe***", Qorti Kummerc, 28 ta' April 1995; "**Dr. Simon Micallef Stafrace *noe* -vs- Godwin Abela *noe***", Appell, 15 ta' Mejju 1998);

4) Ma ngiebu l-ebda provi mill-ebda wahda mis-socjetajiet konvenuti biex jikkontestaw l-ammont tad-danni pretizi. Ghalhekk ukoll l-ilment dwar li dawn huma

esagerati ma gie bl-ebda mod kombattut bi prova kuntrarja;

5) L-unika koncessjoni li din il-Qorti lesta tikkoncedi lis-socjeta` Cargo Handling hi dwar l-interessi. In linea ma' gurisprudenza affermata dawn ghandhom jiddekorru mid-data tan-notifika tac-citazzjoni, kif hekk rilevat minn din is-socjeta.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad it-talbiet in kwantu diretti kontra s-socjeta` S. Mifsud & Sons Limited, tiddikjara li s-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited kienet unikament responsabbli ghad-danni/ nuqqasijiet subiti mis-socjeta` attrici surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha s-socjeta` importatrici Muscat Motors Limited u ghalhekk tikkundannaha thallas lill-attur *nomine* is-somma ta' sitt mija u disgha u hamsin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm659.10,0) in linea ta' danni u *survey fees*, bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (15 ta' Marzu 1993).

L-ispejjez kollha tal-kawza jigu sopportati mill-konvenuti Godwin Abela u Alfred E. Aquilina *nomine*.

(ft) Philip Sciberras

___________________________

Onor. Philip Sciberras
Imhallef

(ft) Emanuel Sciriha

_________________________

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur